2 ta' Novembru, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Carmelo Borg Bonaci

## Bejgħ ta' Oġġetti Razzjonati — Bwona Fede

*Oġġett razzjonat jibqa' razzjonat anki jekk ikun danneġġjat; u għalhekk, min jixtri kontra l-liġi oġġetti razzjonati, ma jistgħax jeħles mill-imputazzjoni li xtara oġġetti tar-razzjon bla permess billi jallega li l-merċi minnu mixtrija kienet danneġġjata u għalhekk ma għandhiex titqies li kienet għadha razzjonata.*

*Lanqas tiswa lil dak ix-xerrej l-allegazzjoni li hu kien in bwona fede meta xtara dik il-merċi, billi huwa xtraha minn għand ditta serja u kellu raġunijiet jipprezumi li dik id-ditta kellha l-permess li tbegħlu dik il-merċi; għax hu kien imissu jaċċerta ruħu jekk id-ditta li biegħetlu dik il-merċi setgħetx tbigħhielu; u dan aktar u aktar jekk dak l-istess xerrej ma kellux permess biex jakkwista dik il-merċi.*

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjoni kontra l-imsemmi Borg Bonaci quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta

talli dana, fil-Hamrun jew imkejjen oħra, f'dawn ix-xhur, (1) akkwista oġġett razzjonat, jiġifieri ħalib tal-bott, mhux skond ir-regolamenti tar-razzjon u mhux b'ordnijiet mogħtija mill-Ministru; (2) għamel użu minn oġġett razzjonat, jiġifieri ħalib tal-bott, għal skop ieħor "barra" minn dak li għalieħ l-akkwist tal-istess ħalib tal-bott kien permess;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-5 ta' Settembru 1957, li biha sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni, u ddikjarat it-tieni imputazzjoni nvoluta fl-ewwel waħda, u kkundannatu £50 multa, pagabbli fi żmien xahar, u ordnat il-konfiska tal-ħalib eżibit;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Mhux kontrastat li l-appellant xtara minn għand id-ditta "Zammit Cutajar" bottijiet tal-ħalib "Libby" danneġġjati, bi prezz anqas minn dak fissat, u użaħ għall-konfezzjoni tal-ġelati. L-appellant ma kellux, la permess biex jakkwista dak il-ħalib, u lanqas permess biex jużaħ għall-ġelati. Id-ditta "Zammit Cutajar" hi importatriċi liċenzjata ta' ħalib razzjonat, li għandu jitqassam bir-razzjon. L-istess ditta ma kellha ebda permess biex tiddisponi minn dan il-ħalib a favur tal-appellant;

Id-difiża hi dupliċi, ċjoè fis-sens li, ġaladarba l-merċi kienet danneġġjata, għalhekk ma kellhiex titqies li qegħdha fir-razzjon, u fis-sens li l-appellant kien in bwona fede, għax xtara minn għand ditta serja u kellu raġunijiet jippreżumi li kellha l-permess;

Dawn iż-żewġ mezzi defensjonali ma humiex aċċettabbli. Mhux l-ewwel wieħed, għaliex hu intuwitiv li oġġett

razzjonat jibqa' razzjonat anki jekk danneġġjat. Mhux ittieni, għax l-appellant imissu aċċerta ruħu jekk id-ditta "Zammit Cutajar" setgħetx tbiegħ, u barra minn hekk hu stess, bħala dolċier, ma kellux permess jakkwista il-ħalib għall-ġelati;

Għandu jiżdied li kienet tkun ħaġa ferm perikoluża għas-saħħa pubblika kieku ġelati, intiżi għall-konsum mill-pubbliku, setgħu jiġu konfezzjonati b'ħalib tal-bottijiet danneġġjati, li seta' jkun mhux tajjeb, u mibjugħ, appuntu għax danneġġjat, bi prezz inferjuri, bla ebda mezz ta' kontroll bl-ispezzjoni preventiva tas-Sanità;

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, iż-żmien għall-ħlas konċess mill-Maġistrati jibda jgħodd millum.